**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Ġimgħa 18 ta' Settembru 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 18**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 18 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2020 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
18.5 Rapporti;
18.6 Approvazzjoni tal-Financial Statements u l-Management Letters 2018 u 2019;
18.7 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
18.8 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
18.9 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Ħarsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
18.10 Aġġornament dwar it-Tisbiħ ta' Ġnien Dama Cecilia Pick (il-Ġnien tal-Warda);
18.11 Aġġornament dwar il-Proġett maħsub qrib il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja;
18.12 Spazju Rikreazzjonali għall-Komunità Qrendija;
18.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
18.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-18-il Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2020 fil-17:30 fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-20:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

18.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

17.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija x'tinqara.

18.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

18.2.1 Il-Minuti tas-17-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

18.2.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 18.3, 18.4 u 18.5 jiġu diskussi wara Minuta 18.12 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

18.6 **APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS U L-MANAGEMENT LETTERS 2018 U 2019**

18.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar il-Financial Statements tal-2018 u l-2019 ġew iffinalizzati.

18.6.2 Żied li l-awdituri tal-NAO, fil-każ tagħna Nexia BT, bagħtulna l-Management Letter tagħhom fuq is-snin 2018 u 2019 u min-naħa tagħna weġibna din l-ittra.

18.6.3 Is-Sindku David Schembri ppropona li l-Financial Statements, il-Management Letter u r-risposta tal-Kunsill Lokali jiġu approvati.

18.6.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 18.7 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

18.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-proċess taċ-Ċentru Ċiviku reġa' bis-sulluzzu.

18.7.2 Qal li sadanittant waslitilna l-kwotazzjoni ta' kemm ser jiġi jiswa l-bandli waħdu u dan huwa stmat li ġej jiswa ftit aktar minn €204,000.

18.7.3 Spjega li għandu mnejn dan il-bandli jkun sponsorjat, imma s'issa għadna qegħdin niddiskutu dan l-isponsorship.

18.7.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk hemmx xi data li fiha nistgħu nistennew li jitlesta l-bini.

18.7.5 Is-Sindku wieġeb li suppost ilna lesti minn Mejju ta' din is-sena imma erġajna ma wasalniex, bil-problema prinċipali tkun il-pandemija tal-Covid-19, imma hemm problemi oħra li qed iżommuna lura.

## 18.8 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

18.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li hawnhekk qegħdin niltaqgħu ma' diversi intoppi.

18.8.2 Spjega kif minn xahar għall-ieħor mhux ikun hemm avvanzi fix-xogħol, tant li mil-laqgħa li għaddiet sal-lum għadu ma sar xejn.

18.8.3 Żied li lanqas dwar il-geotextile li jrid jitpoġġa għad m'għandna risposta, u qed nittamaw li forsi f'Ottubru jiċċaqlaq xi ftit ix-xogħol.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 18.9 AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI

18.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li jidher li din l-iskema miexja pjuttost tajjeb.

18.9.2 Tkellem dwar it-talba tagħna li jsiru cat shelters fi Triq Ġużè Cassar kif ukoll f'Wied iż-Żurrieq.

18.9.3 Semma' li diġà bagħtna lill-ERA, lill-Awtorità tal-Artijiet u l-Awtorità għall-Ippjanar biex nikkonfermaw jekk nistgħux nagħmluhom jew le.

18.9.4 Fisser kif issa għandna risposta li rridu ndaħħlu lill-Perit tal-Kunsill Lokali.

18.9.5 Dwar it-tiswija tal-qtates, il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li s'issa ġew imsewwija disat iqtates, u qed tittama li fil-ġimgħat li ġejjin ikomplu jissewwew aktar qtates.

18.9.6 Is-Sindku qal li rridu nieħdu ħsieb l-indafa tal-lokalità, speċjalment fejn qed iħammġu l-annimali, u l-Kunsilliera Parnis qalet li trid tkun ħidma tal-Kunsill Lokali sabiex nieħdu ħsieb.

## 18.10 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TISBIĦ TA' ĠNIEN DAMA CECILIA PICK (IL-ĠNIEN TAL-WARDA)

18.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li hawnhekk ukoll qed nistennew għaliex ix-xogħol għadu ma bediex.

18.10.2 Spjega kif prattikament għadna fl-istess stadju li konna fih il-laqgħa li għaddiet, u għaldaqstant qegħdin nistennew lill-kuntrattur jgħidilna meta jkun telaq l-apparat mill-Ingilterra u minn hemm 'il quddiem ikun jista' jinbeda x-xogħol.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 18.11 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETT MAĦSUB QRIB IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA

18.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara li tkellimna fil-laqgħa li għaddiet dwar dan il-proġett, jidher li minn dakinhar inbidel il-ħsieb dwar il-pjazzetta.

18.11.2 Spjega if filwaqt li l-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja jidher li ser tiġi rrestawrata kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa, mhux l-istess jista' jingħad għall-pjazzetta ta' wara l-Kappella, għaliex il-proġett li kien maħsub jidher li tpoġġa fil-ġenb.

## 18.12 SPAZJU RIKREAZZJONALI GĦALL-KOMUNITÀ QRENDIJA

18.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li ġejna mitluba nieħdu sehem fl-istudju Eco Playgrounds.

18.12.2 Qal li għal dan l-istudju m'aħna ser inħallsu xejn, u dawn ser ikunu qegħdin jgħaddu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom, imbagħad sta għall-Kunsill Lokali jekk ikunx irid jimplimentahom jew le.

## 18.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

18.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-sitwazzjoni ta' Triq Rokku Buhagiar saret waħda redikola.

18.3.1.1 Qal li din it-triq kienet oriġinarjament saret fl-2007 u sakemm ġie elett Sindku hu l-ewwel darba fl-2013, it-triq kienet diġà bdiet nieżla minn diversi bnadi.

18.3.1.2 Spjega kif fil-preżent hemm xejn inqas minn sitt postijiet differenti fejn l-art niżlet. Barra minn hekk, jidher li d-Dipartiment tax-Xogħolijiet qiegħed jieħu din is-sitwazzjoni bl-inqas responsabbilità għaliex din it-triq fil-bidu kellha titlesta' sa Marzu li għadda.

18.3.1.3 Żied li meta kien ser jinbeda x-xogħol indunaw li kien hemm ħsara fis-sistema tal-ilma u tad-drenaġġ, u reġa' waqaf kollox, meta l-Kunsill Lokali kien ilu madwar sentejn jibgħat rapporti diversi li s-Soċjetà Mużikali Santa Marija qed tilmenta li qed jidħlilha ħafna ilma fil-basement tal-każin.

18.3.1.4 Kompla li wara li kellna direzzjoni li x-xogħol ser jinbeda fit-22 ta' Settembru, jiġifieri jumejn ilu, illum konna infurmati li d-Dipartiment tax-Xogħolijiet m'għandux ħaddiema li jqiegħdu l-madum, u allura dan ifisser li x-xogħol mhux ser jinbeda għalissa.

18.3.1.5 Qal li skuża waħda wara l-oħra qegħdin ikunu żejda, għaliex daqqa għal raġuni u daqqa għal oħra, dan ix-xogħol baqa' ma nbediex u jidher li fadal ġimgħat sħaħ biex jinbeda.

18.3.2 Is-Sindku tkellem dwar sitwazzjoni fuq il-biċċa art li hemm fuq il-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba.

18.3.2.1 Qal li filwaqt li Transport Malta ma sabu l-ebda oġġezzjoni għall-permess, l-ERA m'aċċettatx li jsir il-proġett kif propost, jiġifieri dak li jiġu installati bankijiet u siġar flimkien ma' parkeġġi għall-karozzi.

18.3.2.2 Spjega kif kellna laqgħa l-Ministeru tal-Ambjent, u issa ġie deċiż li nhar it-Tnejn li ġej ser niltaqgħu fuq is-sit, l-istess kif ser niltaqgħu fi Triq il-Ġwiewel u Triq l-Għarix, għaliex f'dawn iż-żewġ toroq hemm illegalitajiet li jridu jiġu indirizzati.

18.3.3. Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Providenza u qal li hemmhekk qed jinbidlu l-kanni tal-ilma.

18.3.3.1 Spjega kif wara li jitlesta x-xogħol ser isir reinstatement u allura jista' jkollna sitwazzjoni simili ta' Triq il-Muddejn.

18.3.3.2 Fisser kif fil-jiem li ġejjin ser nagħmlu avviż li għal xi jiem it-triq ser tkun magħluqa sabiex isir ix-xogħol.

18.3.4 Is-Sindku tkellem dwar problema fil-bitħa tal-Kunsill Lokali fejn l-ilma tad-drenaġġ beda dieħel fil-bir.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

18.3.4.1 Qal li l-bir tbattal u minnu ttella' xi materjal tat-Tieni Gwerra Dinjija u anke ta' żmien l-Ingliżi.

18.3.4.2 Spjega kif bħalissa qed naraw eżattament il-problema minn fejn ġejja, fil-fatt inqala' l-madum tal-bitħa u għada ser isir xi xogħol ta' manutenzjoni.

18.3.5 Is-Sindku tkellem mal-Awtorità tad-Djar minħabba żewġ żoni fil-lokalità fejn tħaffret ħofra kbira u x-xogħol baqa' ma nbediex.

18.3.5.1 Qal li talab li ssir laqgħa uffiċjali sabiex jiġi diskuss meta dawn il-proġetti ser jinbdew.

18.3.6 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li għaddiet dwar il-LifeLong Learning.

18.3.6.1 Qal li dawn il-korsijiet mistennija jibdew f'Ottubru li ġej f'waħda mill-kmamar taċ-Ċentru Pastorali Parrokjali u issa rridu nkellmu lill-Amministratur Parrokjali Dun Mario Said minħabba ċ-ċavetta.

18.3.7 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna li titratta installazzjoni ta' mera fi Triq San Nikola.

18.3.7.1 Qal li dwar din il-materja l-Kunsill Lokali kien diġà ħa deċiżjoni li ma jsirux mirja quddiem propretajiet privati, u min ikun jixtieq jagħmilha hu.

18.3.7.2 Spjega kif fl-aħħar ġimgħat spiċċajna b'sitwazzjoni fejn Transport Malta taqbad u tagħmel il-mirja kif għamlet fi Triq il-Kbira, meta dawn bagħtulna li t-talba għamilniha aħna meta fil-verità aħna m'għamilna xejn.

18.3.7.3 Fisser kif il-mera fi Triq San Nikola konna diġà ppruvajna nagħmluha, imma min joqgħod faċċata tar-resident ma riedx li jitwaħħlu tabelli mal jew quddiem il-faċċata tiegħu.

18.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-Festival Agrarju tal-Patata u qal li wara li tkellimna mal-Amministratur Parrokjali jidher li fiż-żewġt iĦdud

imsemmija fil-laqgħa preċedenti mhemm l-ebda ċelebrazzjoni tażżwieġ fil-Kappellan ta' San Mattew.

18.3.8.1 Għaldaqstant ġie deċiż li l-Festival Agrarju tal-Patata ser isir fit-23 ta' Mejju 2021

18.3.9 Is-Sindku tkellem dwar talba li rċevejna sabiex quddiem l-ispiżerija li tindab fi Triq San Nikola jsir loading/unloading bay sabiex ma jkunx hemm karozzi li jitħallew quddiem l-ispiżerija għal ħin twil u allura jxekklu mill-operat.

18.3.9.1 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li din il-loading/unloading bay għandha ssir.

## 18.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

18.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar zebra crossing fi Triq it-Tempesta fejn hemm il-bus stops int u nieżel lejn il-Maqluba.

18.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li diġà konna tlabna li nagħmlu aktar zebra crossings, imma ħadna risposta li l-by-pass tal-Qrendi ser nimlewh kollu b'dawn is-sinjali u allura ma jkunux vijabbli.

18.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar il-korsijiet tal-LifeLong Learning u ser niltaqgħu mal-Kappillan dwar dan.

18.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar il-librerija pubblika u l-kotba u staqsiet jekk dawn inxtrawx.

18.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li dawn inxtraw u qed jiddaħħlu fis-sistema kompjuterizzata qabel ikunu preżenti fil-librerija.

18.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Muddejn u qalet li minn meta ġiet irranġata t-triq, ċertu lega li kien hemm mal-ħitan tneħħiet u allura jista' jkun li hemm xi bdiewa li jkollhom il-problemi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

18.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li din il-lega saret anke b'mod naturali matul is-snin minħabba l-ħamrija u t-trab li inġema' bejn il-ħitan.

18.4.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar korrispondenza li kienet tgħid li nbidlu xi ismijiet tat-toroq.

18.4.5.1 Is-Sindku wieġeb li t-tibdil sar minħabba problema fin-numri tal-bibien ta' barra, u b'hekk nittamaw li issa din ġiet riżolta wkoll.

*Il-Kunsillier Daniel Farrugia ħalla l-laqgħa fis-18:50*

## 18.5 RAPPORTI

18.5.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar il-mobile application tal-Kunsill Lokali u qal li tkellem ma' żewġ kumpaniji oħra u ser jaħdem biex issir laqgħa magħhom dwar dan il-każ.

18.5.2 L-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri qal li jumejn ilu ltaqa' l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u ħarġu bl-idea li jagħmlu xi ħaġa għall-Halloween.

18.5.2.1 Qal li ħarġu bl-idea li jagħmlu open cinema fil-grawnd l-antik tal-Qrendi u bħalissa qed jiċċekkjaw x'inhuma n-neċessittajiet sabiex isir dan l-avveniment.

## 18.13 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

18.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €17,539.04 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 09/20 u €180.67 skont il-*Petty Cash* Ref X/08.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

18.13.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

18.13.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

18.13.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 18.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

18.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 22 ta' Settembru fil-17:30.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**